**15 ta' Ottubru, 1965**

**Imhallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. Prof. J. J. Cremona, B.A., LL.D., B.Litt. (Rome) B.A. Hons. (Lond.) (P.H.D.) Lond.) F.R.Hist.S.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Markiż Anthony Cassar Desain, et

*versus*

Giovanni Pace ne

**Appelli lill-Kunsill Privat tal-Maesta Tagħha r-Reġina — Forma tal —**

*It-talba għal permess biex isir appell lill-Maesta Tagħha fil-Kunsill trid issir bi petizzjoni taħt piena ta' nullita.*

*Il-proċedura hi liġi ta' ordni pubbliku.*

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-fuq imsemmi Markiż Anthony Cassar Desain u oħrajn preżentat fil-wieħed u tletin ta' Lulju, 1965 li bih talbu l-permess biex jappellaw mis-sentenza ta' din il-Qorti tat-tnax ta' Lulju, 1965 fil-kawża fl-istess ismijiet fuq indikati lill-Kunsill Privat tal-Maesta Tagħha r-Reġina

Rat ir-risposta ta' l-imsemmi Giovanni Pace li fiha qal illi t-talba magħmula b'dak ir-rikors għandha tiġi miċħuda billi ma jikkonkorrux l-elementi rikjesti mil-liġi.

Rat il-proċess, semgħet lill-Avukati u kkunsidrat:—

Fir-rikors jingħad illi t-talba kienet qed issir "skond l-artikolu 2(a) u (b) tal-Order in Council tat tnejn u għoxrin ta' Novembru, 1909 jew skond kwalunkwe liġi oħra applikabbli għall-każ".

Verament, l-artikolu 2 ta' l-Order in Council tat-tnejn u għoxrin ta' Novembru, 1909 (kif emendat dik l-Ordni bl-Order in Council tal-ħamsa ta' Novembru, 1942) in kwantu kien isemmi l-każijiet li fihom kien jista' jsir appell lill-Maesta Tagħha fil-kunsill, ġie modifikat bl-artikolu 103 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u, issa ġie espressament emendat

bl-Adaptation of Laws Order, 1965. Iżda dana mhux rilevanti għall-kwistjoni li ser tissemma hawn taħt.

Il-proċedura li biha, skond l-imsemmi Order in Council, għandu jintalab il-permess tal-Qorti għall-appell lill-Maestà Tagħha fil-Kunsill hi stabbilita fl-artikolu 3 tiegħu li fil-parti rilevanti għal din il-kwistjoni jiddisponi hekk:

> "It-talba lill-Qorti għall-permess għall-appell għandha ssir b'petizzjoni fi żmien ta' wieħed u għoxrin ġurnata minn dak inhar tas-sentenza li minnha jsir appell. . . ."

Il-petizzjoni, mela, hi l-forma ta' l-att testwalment preskritta mil-liġi għal dik it-talba u dan rigward appelli mis-sentenzi ta' din il-Qorti, ma kienx xi aċċident imma kien riflessvolut u applikazzjoni tar-regola statwita fil-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili illi l-mod ordinarju tal-proċeduri quddiemha huwa l-petizzjoni, att solenni distint miċ-ċitazzjoni jew mil-libell jew mir-rikors.

Fil-każ preżenti dik il-forma preskritta ma ġietx osservata u t-talba saret, invece, b'rikors, u fil-fehma tal-Qorti l-konsegwenza inevitabbli ta' dik l-inosservanza hija l-irritwalità u nullità tat-talba.

Fil-fehma tal-Qorti dan mhux każ ta' żball kontenut fl-att li jista' jiġi korrett skond l-artikolu 175 ta' l-imsemmi Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili: dak li hu żbaljat hu l-att fih in-nifsu in kwantu li mhux l-att preskritt mil-liġi. Di fatti anqas l-Avukat stess tar-rikorrenti ma ssuġġerixxa illi si tratta ta' żball li jista' jiġi korrett u bl-ebda mod ma talab korrezzjoni.

Dak li, nvece, ssuġġerixxa l-avukat tar-rikorrenti hu

biss illi l-forma adoperata tista, għal kull fini prattiku, titqies ekwipollenti għal dik preskritta u għalhekk tista' tiġi ammessa.

Iżda hu ċar, fil-fehma tal-Qorti, illi dan ir-raġonament ma jistax jiġi aċċettat. Il-Qorti ma tistax tiddispensa minn forma partikolari ta' att espressament komminat mil-liġi u tippermetti flokha forma oħra. Kif intqal minn din il-Qorti fil-kawża "Parnis vs. Caruana" (Kollez. Vol. XXXVI, I, 204: "Il-proċedura hi liġi ta' ordni pubbliku. Għalhekk ma jistax jiġi ammess li proċedura stabilita mil-liġi sostitwita b'oħra, lanqas bil-kunsens tal-parti opposta. U l-eċċezzjoni relativa, jekk ma tiġix sollevata, jew tiġi rinunzjata, mill-parti l-oħra, għandha tiġi sollevata mill-Qorti "ex officio". U fil-prattika kostanti tal-Qrati tagħna dejjem ġiet dikjarata n-nullita kull meta proċedura li skond il-liġi kellha ssir fil-forma ta' ċertu att ġudizzjarju ġiet istitwita b'forma ta' att divers, p.e. rikors flok petizzjoni jew vice versa, jew rikors flok ċitazzjoni jew vice versa etc. (ara fost oħrajn Vol. sentenzi ta' din il-Qorti, ma kienx xi aċċident imma kien rifless XXXV, I, 109; XXXVI, I, 204; XXXVIII, I, 519; App. Civ. "Ganado vs. Borg Olivier" 5.4.1963).

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara t-talba magħmula mir-rikorrenti irrita u nulla, bl-ispejjeż.